# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, id-19 ta' Ottubru, 2022

Avviz tat-Talba numru: 30/2021 CL

**Noel Borg (KI nru: 591277M)**

**VERSUS**

**Maltapost p.l.c. (C22796)**

**u l-kjamati fil-kawza**

**Network Airline Services Malta Limited (C75718)**

**Air Malta Aviation Services Limited (C84643)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar id-29 ta' Jannar, 2021 fejn intalab sabiex is-socjeta konvenuta tigi iddikjarat responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas d-danni hekk likwidat fl-ammont ta' (€3432.60), flimkien mal-ispejjez legali li l-attur garrab sa issa u spejjez tal-procedura.L-attur kien kollezjonist tal-flokkijiet tal-football u f'Settembru 2019 kien ftiehem ma' persuna fl-Italja sabiex ipartu zewg flokkijiet bejniethom, izda peress illi l-flokk li kien ser jibghat l-attur kien ta' valur oghla kellu jziedu l-ammont ta' €400. Fit-12 ta' Settembru 2019, l-attur mar fil-fergha tas-socjeta konvenuta u bghat il-pakkett bil-flokk l-italja, permess ta' Express Mail Service u hallas l-ammont ta' €32.61. Peress illi l-flokk qatt ma wasal l-Italja u qatt ma seta' jinstab minkejja li kien hemm tracking number, l-attur kellu jhallas lit-taljan tal-flokk li kien bghatlu li kien jiswa €3000, €400 ghad-differenza bejn iz-zewg flokkijiet, u €32.61 posta.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta li skond l-artikolu 29 tal-Att dwar is-servizzi postali (Kap 254) l-operatur postali m'ghandu ebda risponsabbilita ghal kumpens minhabba f'xi telf nuqqas ta' konsenja jew dewmien, jew hsara lil xi oggetti postali fil-kors tat-trasmissjoni bil-posta. Skond l-EMS International Courier Terms & Condition kif jirrizulta mis-sit elettroniku tal-Maltapost, ma tistax tinzamm risponsabbli. In oltre mit-

tracking number jirrizulta illi l-pakett inghata lil Network Airline Services Malta Limited tramite Airmalta Aviation Services Limited biex jigi konsenjat lil Poste italiane spa, li hargu verification note li turi li l-pakkett ma gietx konsenjata lilha u ghalhekk iz-zewg kumpaniji ghandhom jigi imsejha fil-kawza. illi ghalkemm is-servizz tal-EMS jinkludi assigurazzjoni, l-attur naqas milli jimla d-dettalji relattivi u rilevanti u ma indikax il-valur li huwa necessarju f'kaz ta' talba ghal rizarciment. L-attur ghandu jgib l-ahjar prova dwar fuq liema bazi ghandu jinghata kumpens. It-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Ghaldaqstant it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontRa l-attur li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-rispostaipprezentat minn Network Airline Services Malta Limited fit-22 ta' Marzu 2021 illi preliminarjament m'ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attur Noel Borg u ghalhekk ghandha tigi illiberata mill-osservanza tal-gudizzju. Illi subordinament u minghajr pregudizzju, hi tipprovdi servizz ta' cargo reservation lill-konvenuta Maltapost plc fuq titjiriet specifici. Ghaldaqstant m'hiex risponsabbli ghall-handling tal-pakketti li qatt ma jaqghu taht il-pussess tas-socjeta inkluz il-pakkett mertu tal-kawza . Ghalhekk it-talbiet attrici huma infondati fil-konfront taghhom fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigi michuda bl-ispejjez.

Ra r-risposta' ta' Air Malta Aviation Services Limited fejn eccepiet illi l-inkarigu taghhom kien sabiex tiprocessa u tqandel il-pakketti relevanti f'Malta u twasslu abbord l-ajruplan u ma kinitx risponsabbli ghall garr wara dak il-mument u ghalhekk qdiet l-inkarigu moghti lilha fedelment u ma hijiex risponsabbli ghal ebda danni. Ir-relazzjoni taghha hija mal-Maltapost plc u m'ghandha ebda relazzjoni mar-rikorrent. Skond l-international Postal Union Regulations id-danni huma limitati ghal aprox. €45 kull pakkett u €5 kull kilo. L-attur ghandu ibati l-konsegwenza tal-izbalji tieghu ghax ma iddikjarax il-valur tal-kontenut u missu xtara assikurazzjoni li jkopri l-vjagg. L-attur kellu jgib ukoll il-prova tal-valur u ghalhekk it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

Fis-27 ta' Mejju 2021, gew ipprezentati l-affidavit ta' Noel Borg u Kenneth Formosa. Noel Borg iddikjara illi huwa kollezjonist tal-flokkijiet tal-Juventus. Hu kien ftiehem ma' kollezjonist iehor fl-Italja, Marcello Castano, biex jpartat flokk ta' Furinho tas-sena 1979/80 li kien jiswa' €3400 ma' flokk tal-1977 li kien jiswa' €3000. Fil-fatt Castano kellu jibghat is-somma ta' €400 permess ta' bank transfer. Hu kien bghat il-flokk mal-Maltapost permess tal EMS (Express Mail Service) lil Castano ghax il-konsenja kellha ssir fiz-zmien sitt ijiem u s-servizz huwa assigurat. Hu kien mela d-dettalji u l-indirizz fejn kellu jmur il-pakkett. Impjegata tal-Maltapost saqsietu x'kien l-oggett tal-pakkett u hu infurmha li kienu Collectable Items (shirt), hadmitlu l-prezz ghas-servizz li kien €32.61 u tatu kopja li kellha tracking number. Hadd ma talbu jindika l-valur. Hu ircieva l-flokk minghand Castano izda Castano baqa' ma ircieviex il-flokk li kien bghatlu minn Malta. Kif il-flokk baqa' ma wasalx hu kellu jhallas lil Casano €3000 ghal flokk li kien baqa' ma rceviex. Meta tkellem mal-Maltapost qalulu li kellu jimla formola izda qatt ma inghata informazzjoni. Ghalkemm ghamel diversi tentattivi ma' haddiema tal-Maltapost baqa' bla soluzzjoni sakemm f'Gunju 2020 qalulu li kienu ser jhalsuh il €32.61 tal-pustagg. Hu kien qieghed jitlob is-somma ta' €3432.62 li kienu €32.61 tal-pustagg u €3400 tal-flokk. Fil-kontro ezami hu jghid illi hu kien ilu jahdem bhala pustier ghal 26 sena mal-Maltapost, izda ma kienx familjari mas-servizzji kollha. Hu kien mar mal-counter biex jibghat pakkett izda ma indikax x'kien il-valur, jinsisti li ma indikax il-valur bhala zero ghax ma intalabx jikteb valur ghax kull ma intalab jikteb kien iz-zewg

indirizzi u Dorianne Azzopardi nizlet il-kliem Collectable Items. Hu ma kienx jaf il-procedura mal-counter ghax qatt ma hadem fuq il-counter. Cahad illi kien jaf illi l-pakkett ma kienx inxurjat. Minkejja li l-oggett kien ta' valur gholi hu ma nizzilx il-valur ghax ma kienx gie mitlub jaghmilha.Fir-re ezami u b'referenza ghal Foll.8 tal-process hu qal illi hu kien mela z-zewg indirizzi, d-data u l-firma tieghu il-bqija ma kienx kitbu hu. Foll 56 li gieipprezentat mill-Maltapost mar-risposta, huwa dokument li jista' jingieb minn fuq il-counter . Foll 103 hemm zero miktuba imma mhux hu kien kitibha, u dan huwa l-istess bhal dokument li jidher a foll 9 li kien ipprezenta hu stess wara li kien tahulu Andre Barbara wara li intilfu l-affarijiet qabel ma beda l-process.

Kenneth Formosa iddikjara illi huwa kien ilu kollezjonist tal-flokkijiet tal-football ghal 38 sena. Hu spiss jaghti stimi ta' dawn il-flokkijiet partikolari. Il-valur tal-flokk jigi ddeterminat skond is-sena, mudell, rarita jew le, kondizzjoni, plejer li kien jilbes il-flokk u ta' liema tim hu u l-provenjenza tal-istess flokk. Huwa kien ser jkun kuratur f'musew tal-MFA li kien ser jinfetah f'Malta. Hu kien intalab minn Noel Borg biex jaghtih stima ta' flokk ta' Giuseppe Furino tal 1979/80 u kien gie muri ritratt tieghu fejn kien jidher illi l-flokk kien iffirmat u hu stmah €3500, ghax fil-bidu tal-2020 kien ghamel transazzjoni fuq flokk simili.

Ra l-affidavit ta' Carmen Scerri Lautier, Andre Barbara u Dorianne Azzopardi flimkien mad-dokumenti li gew ipprezentati fis-27 ta' Lulju 2021. Carmen Scerri Lautier kienet supervisor fil-Legal Department tal-Maltapost. Maltapost kien regolat bil-Universal Postal Regulations fejn skond l-artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali (kap 254 tal-Ligijiet ta' Malta), l-operatur postali m'ghandu jkombi ebda responsabilita ghal kumpens minhabba f'xi telf jew nuqqas ta' konsenja. Ghalkemm il-Maltapost ma kienx qieghed jaccetta li kienet hi li tilfet l-oggetti ta' Noel Borg. Il-pakkett kien intbghat permess tal-EMS li huwa courier delivery, fejn il-konsenja ssir malajr u jista' jkun tracked, u huwa munit bl-assigurazzjoni mal-Mapfre Middlesea. Skond Dokument A[1] ezebit mill-attur, value of contents, category of postal article u country of origin of merchandise ma giex indikat u fil-parti fejn kellu jikteb detailed description of contents gie miktub collectable item (shirt) biss minghajr dettalji.In-nuqqas ta' informazzjoni huwa nuqqas mill-parti lii talab is-servizz, ghax minghajr din l-informazzjoni ma setax jigi stabilit il-valur tal-pakkett u ghalhekk xi kumpens f'kaz illi dan kien jkun dovut.Mill-indagini li ghamlet Maltapost fuq il-pakkett permess tat-tracking number, dan inghata lill-linja tal-ajru, Airmalta Aviation Services Ltd fit-13 ta' Settembru 2019 li skond huma tawh lil Network Aviation Services Ltd. Skond id-dokumenti li ipprezentat jidher li l-pakett inghata lil-Airmalta biex tingarr fuq it-tijira KM624. Fil-kontro ezami hi tikkonferma li ma kintix hi fuq il-counter meta Noel Borg bghat il-pakkett u allura ma tafx minn kiteb zero. Hi qatt ma kellha diskussjojnijiet ma' Noel Borg u meta hi tghid illi seta' ressaq l-ilment tieghu mal-Mapfre Middlesea hi kienet taf illi peress illi l-valur kien ddikjarat zero ma setax tintlaqa' l-claim ghax kien collectable item.

Andre Barbara, huwa head tal-Customer Care, u jghid illi sar jaf bil-kwistjoni meta ircieva complaint Form minghand Noel Borg fil-21 ta' Settembru 2019. Claire Camilleri, kienet qieghda tiehu hsieb l-ilment tieghu ghax hi tiehu hsieb il-kwistjonijiet internazzjonali. Hi ikkomunikat mal-Poste Italiane, li ikkonfermaw illi ma kienux ircevew il-pakkett u bdew jipprovaw jiksbu twegiba mill-linja tal-ajru. Fit-28 ta' Novembru 2019 bghatu itta lil Noel Borg fejn intalab jaghmel kuntatt mal-assigurazzjoni ghat-talba

[1] Foll. 9

tieghu ghal kumpens, kif kienu idderigew lil-klijent tieghu li ukoll kellu l-oggetti mitlufa fl-istess mailbag, izda sa fejn jaf hu, hu qatt ma ghamel hekk.

Fl-affidavit taghha Dorianne Azzopardi tghid illi hi kienet il-counter clerk gewwa l-fergha ta' San Gwann meta fit-12 ta' Settembru 2019, kien mar Noel Borg, li kienet tafu peress illi kien impjegat maghhom bhala pustier, li ried jibghat pakkett mal-EMS courier sabiex jasal malajr. Hi qabzitu l-queue u dahlitu wara l-counter fejn mela id-dokument u nizzel li kien Collectable Item. Hi avzatu illi Collectable Item ma kienx insured izda hu fl-ebda hin ma qalilha li l-item kien jiswa hafna flus u fl-ircevuta li inghata lil-klijent jkun hemm miktub li l-valur jkun zero. Fl-ebda hin ma qal illi ma riedx jkompli bil-transazzjoni tas-servizz tal-EMS jew li kellu jitnizzel il-valur ghall-oggett fil-pakkett. Fil-kontro ezami hi tghid illi Noel Borg talab ghas-servizz tal-EMS minn jeddu. Hu kien mela l-indirizzi u description of contents bhala collectable item u kif rat hekk hi qaltlu li hi setghet tatih s-servizz li jasal malajr izda mal-EMS izda ma kienx ser jkun inxurjat peress illi collectable item. Noel Borg mela d-dettalji u minn hemm kompliet timla' d-dettalji hi fejn kitbet d-data, l-valur li kien zero, li kien collectable item u mexxietha. Ikkonfermat illi kitbet il-valur zero wara li qaltlu li peress illi huwa collectable item ma setghetx tikteb valur ghax l-insurance ma jkoprihx. Hu ma qalilhiex le kif jista' jkun dak jiswa hafna ghax hi avzatu li mhux kopert bl-insurance.Hi ma kinitx taf x'kien il-ftehiem bejn il-Maltapost u l-Middlesea Insurance.

Ra l-affidavit ta' Pieter Gollcher, General Manager ta' Network Alliance Services Malta Limited li hija kumpanija li tipprovdi servizzzi ta' sales and marketing ghal cargo space fuq titjiriet tal-Airmalta u hija sales agent ta' Airmalta Aviation Services Limited u tirriserva spazju fuq titjiriet ghal-diversi kumpaniji li jirrikjedu trasport tal-merkanzija, fosthom il-pakketti tal-posta tal-Maltapost. Fl-ebda hin ma hi risponsabbli ghal-handling tal-pakketti li jigu mibghuta bil-posta la f'Malta u lanqas fid-destinazzjoni finali tal-pakketti.

Ra l-affidavit ta'John Grixti li kien impjegat bhala Cargo Operations Manager ma' Air Malta Aviation Services Ltd li kienet tagixxi bhala Handling Agent ta' diversi operaturi, fosthom Airmalta plc. Fit-13 ta'Settembru 2019, Maltapost kienet bghatet bil-posta numru ta' pakketti fosthom il-pakkett bir-referenza 0057 bl-ajru fuq titjira KM 624, sa Milan li kien jizen 1.5kgs u kien mibghut bhala Express Mail Service u jidher illi gie mghobbi fuq l-ajruplan mill-anness dokumenti. Hu kien ivverifika mal Airmalta li l-pakkett kien wasal fid-destinazzjoni mal-agent ta' Network Airline Service Ltd gewwa Milan (Foll 116).Fil-kontro ezami hu jghid illi hu jircievi xkejjer jew kaxxi li jistghu jkollhom aktar minn pakkett wiehed u ma jkunx jaf liema pakketti jew kemm il-pakkett jkun hemm fl-ixkora. Li seta' jikkonferma hu li l-ixkora li kienet tizen 1.5kgs giet accettata u mghobbija fuq l-ajruplan. Dok C a Foll 114 turi l-lista (manifest) tax-xkejjer li kien hemm ghal fuq dik it-titjira bil-piz ta' 116.8kgs u Dok D a foll 115 turi load control kif kien mghobbi l-ajruplan li juri li l-ajruplan kellu 117 kgs ta' posta u r-risponsabbilta taghhom tieqaf hemm.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet li gew ipprezentati mill-attur u mis-socjeta konvenuta.

Ikkunsidra;

Illi mix-xhieda m'hemmx dubju li l-attur uza' s-servizz tal-Matapost sabiex jibghat pakkett li hu jghid illi kien fih flokk tal-pleyer ta' Juventus bhala tpartit, peress illi l-attur

kien kollezzjonijist ta' dawn il-flokkijiet. Kien uza s-servizz tal-EMS li fuq is-sit tal-Maltapost jghid illi huwa inxurjat. L-impjegata tal-Maltapost ikkonfermat illi hi stess kienet kitbet illi l-pakkett kien fih Collectable Item u li kienet kitbet l-valur bhala zero ghax kienet mghalma li Collectable Item ma kienx inxurjat. Noel Borg cahad illi kienet semmitlu li l-pakkett ma kienx ser jkun inxurjat ghax kien Collectable Item u fil-fatt wara li l-pakkett ma wasalx fid-destinazzjoni tieghu hu beda jitlob informazzjoni mill-Maltapost izda il-pakkett baqa' ma instabx. Il-valur tal-flokk gie ikkonfermat permess ta' kollezjonist iehor, kif ukoll gie ezebit il-kommunikazzjoni mal-persuna li kien ghamel ftehiem ta' tpartit. Is-socjeta konvenuta laqghet ghat-talba billi eccepiet illi skond l-artikolu 29 tal-Kap 254 m'ghandha jkollha ebda responsabbilita ghal kumpens minhabba xi telf, nuqqas ta' konsenja, dewmin jew hsara lil, xi oggetti postali fil-kors tat-trasmissjoni bil-posta.

L-artikolu 29 tal-Kap 264 jghid illi:

*L-operatur postali m'għandu jinkombi ebda responsabbiltà għal kumpens minħabba f'xi telf, nuqqas ta' konsenja, jew dewmien ta', jew ħsara lil, xi oġġett postali fil-kors tat-trasmissjonibil-posta, sakemm dak il-kumpens –*

*(a) ikun hemm qbil dwaru bejn l-operatur postali u l-mittent, jew*

*(b) ikun ġie stabbilit b'regolamenti kif jistgħu minn żmien għal żmien ikunu preskritti taħt dan l-Att,irrispettivament mill-valur tal-oġġett:*

*Iżda la l-Awtorità u lanqas xi wieħed mill-uffiċjali tagħha jew xi uffiċjal tal-operatur postali m'għandhom jinkorru ebdaresponsabbiltà minħabba f'xi telf, nuqqas ta' konsenja, dewmien jewħsara bħal dawk, kemm-il darba dawn ma jkunux ġew kaġunati b'malafidi jew bi traskuraġni.*

Dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi gialadarba s-socjeta konvenuta tiriklama li toffri s-servizz tal-EMS Courier u li dan huwa kopert bl-insurance, din ghandha tkun risponsabbli ghal-oggetti li jigu ikkonsenjati lilha. Il-fatt li dawn ma jaslux fid-destinazzjoni ghandha tigi meqjusa bhala traskuragni li jimerita kumpens. Dan it-Tribunal jaqbel mal-konkluzjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **David Mifsud et vs Maltapost**[2] fejn intqal**:**

*Kif gia rilevat, skond l-istess artikolu 29, l-operatur postali pero ghandu jitqies li hu responsabbli jekk tirrizulta l-malafede jew it-traskuragni da parte tieghu. Una volta li t-Tribunal ikkonkluda li l-appellanti kienu traskurati, tali artikolu mhux applikabbli. Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni in kwestjoni tat-Tribunal u cioe' li kien hemm traskuragni u negligenza minn naha tal-appellanti u ghalhekk tikkonferma li t-Tribunal kellu ragun li jiskarta din l-eccezzjoni kif jidher li ghamel fis-sentenza appellata.*

Is-socjeta konvenuta ma tistax tinheba wara l-fatt illi impjegata taghha kitbet fuq it-tabella tal-pakkett illi l-oggett kien Collectable Item u ma tat ebda valur lil-oggett, li konsegwentament kellha l-effett li l-pakkett ma kienx kopert fl-insurance.

Is-socjeta konvenuta ipprovat titfa r-rseponsabbilita fuq il-kjamati fil-kawza ghalkemm ir-relazzjoni guridika hija bejn l-attur u l-konvenut. u ghalhekk il-kjamati fil-kazwa m'ghandhomx x'jaqsmu f'din ir-relazzjoni guridika.

[2] deciza 30 ta' Mejju 2014 12/2012

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attur ghal tlett elf, erba' mija u tnejn u tletin Ewro u sittin centezmu (€3432.60) u kosegwentament jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tlett elf, erba' mija u tnejn u tletin Ewro u sittin centezmu (€3432.60) bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza. Stante li ma gewx ipprezentatati ebda rcevuti ta' spejjez legali din it-talba tal-attur ma tistax tintlaqa'.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluz l-ispejjes tal-kjamati fil-kawza huma a kariku tals-socjeta konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**